MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 842/2009/2

**Arkitett Raymond Vassallo, Karta ta' l-identita' numru 107544(M) personalment u fil-kwalita' tieghu ta' azzjonist u jew Direttur tas-socjetajiet Parade Limited C4082, Windsor Holdings Limited C11422, Regent Holdings Limited C21310 u Winex Holdings Limited C21511 u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mariella Vassallo, karta ta' l-identita' numru 2649(M), anke bhala Direttrici ta' Windsor Holdings Limited.**

**-vs-**

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin, Arkitett William Carbonaro u Gabriella sive Gay Carbonaro mizzewgin, Arkitett Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin, WCO Limited u TPT Limited, u ghal kull interess li jista' jkollhom Parade Limited, Windsor Holdings Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Raymond Vassallo u ohrajn prezentat fis-16 ta` Novembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm specifikati, talbu lil din il-Qorti sabiex taghti *interim order* lill-Bord tad-Diretturi ta` **Windsor Holdings Limited** sabiex –

1) Fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi li kienet appuntata ghat-22 ta` Novembru 2011 ma jiddikjarax jew japprova kwalunkwe *dividend* ghar-ragunijiet ta` pregudizzju, minghajr l-approvazzjoni tal-azzjonisti ta` Windsor Holdings Limited.

2) Alternativament talbu li l-Bord tad-Diretturi jillimita l-intervent tieghu ghal rakkomandazzjoni ta` dikjarazzjoni ta` dividend, li mbaghad ikun soggett ghall-approvazzjoni ta` l-azzjonisti ta` Windsor Holdings Limited, migbura f`laqgha generali appuntata skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Novembru 2011.

Rat ir-risposta ta` William Carbonaro tat-28 ta` Novembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab ir-revoka tad-digriet ta` din il-Qorti tat-22 ta` Novembru 2011.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Novembru 2011.

Rat in-nota li r-rikorrent ipprezenta wara l-udjenza tad-29 ta` Novembru 2011.

**Ikkunsidrat :**

Dan il-provvediment jirrigwarda l-operat tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija **Windsor Holdings Limited**.

Jirrizulta li fis-17 ta` Ottubru 2011, fil-procediment fl-ismijiet *Raymond Vassallo pro et noe vs Anthony Parlato Trigona et* (Rikors Nru 842/2009/1), din il-Qorti tat provvediment li permezz tieghu ffissat l-agenda tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija Windsor Holdings Limited (C11422).

Illi l-provvediment inghata fil-kors ta` udjenza li ghaliha kienu prezenti l-partijiet kollha interessati **nkluz** ir-rikorrent u d-difensur tieghu.

Illi l-agenda tfasslet bi qbil bejn il-partijiet.

Illi fost l-*items* tal-agenda, il-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited kellu jiddiskuti *any future dividend and its distribution.*

Illi t-tesi tar-rikorrent hija fis-sens illi d-*dividend* kif kien propost mill-kontroparti kien se jkun ta` pregudizzju ghar-rikorrent Raymond Vassallo u ghall-mara tieghu. Ghalhekk saret talba sabiex decizjoni dwar *dividend* tittiehed mhux mill-Bord tad-Diretturi izda mil-Laqgha Generali tal-azzjonisti.

**Illi li trid taghmel din il-Qorti bil-provvediment tal-lum huwa li tghid jekk decizjoni ta` dik ix-xorta kenitx tispetta lill-Bord tad-Diretturi inkella lill-Laqgha Generali tal-azzjonisti.**

Illi jrid jinghad li fil-Laqgha Generali, l-azzjonisti ghandhom setghat u prerogattivi wiesgha li bihom jistghu *anke* jibdlu l-istatut socjetarju. Pero` sakemm ikun

deliberat xort`ohra, u cioe` sakemm ma jkunx hemm bdil fl-istatut kif previst fl-att kostituttiv, decizjoni li tittiehed minn organu socjetarju, bhal ma huwa l-Bord tad-Diretturi, tibqa` tghodd dment li tkun in linea mad-dispositiv socjetarju fiz-zmien meta l-Bord ikun qieghed jiddecidi.

Illi l-premess qieghed jinghad anke wara li l-Qorti tat qies lin-nota li r-rikorrenti pprezentaw wara li r-rikors thalla ghall-provvediment.

Illi fil-*Memorandum* u l-*Articles of Association* ta` Windsor Holdings Limited (ara fol 380 tal-atti tal-kawza bejn l-istess partijiet bin-Nru.842/2009 JZM) hemm inserita l-klawsola 25 taht l-intestatura *Directors* li taqra hekk –

*Regulations 57, 58, 60, 61 and 73 of Part 1 of the First Schedule shall not apply to the Company. All references in Part 1 of the First Schedule shall not apply to the Company …*

Illi evidentement din il-klawsola qeghda tirreferi ghal disposizzjonijiet tal-**Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi **klawsola 73** tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda ta` Kap.386 taqra –

*The company in general meeting may declare dividends, but no dividend*
*shall exceed the amount recommended by the directors.*

Illi t-tesi tar-rikorrenti li decizjoni dwar *dividends* ghandha tittiehed mill-*general meeting* mhux mill-bord tad-diretturi hija **kontradetta u michuda** ghal kollox minn dak li l-partijiet stess kienu ftehmu li kellu jkun inkluz (u eskluz) fl-Istatut tal-kumpannija.

Illi infatti bi ftehim ta` bejniethom il-partijiet riedu propju l-maqlub ta` dak li qeghdin jippretendu r-rikorrenti llum. Riedu cioe` li l-klawsola 73 ma tkunx tapplika ghalihom Riedu allura li kwalsiasi decizjoni dwar *dividend* tittiehed mhux mil-Laqgha General ital-azzjonisti izda mill-Bord tad-Diretturi. Hekk kien intiz mill-partijiet anke fil-kuntest tal-klawsoli 20, 25 u 26 tal-Istatut socjetarju.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda –**

**Fl-ewwel lok, tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta ;**

**Fit-tieni lok, tirrevoka *contrario imperio* dik il-parti tad-digriet taghha tat-22 ta` Novembru 2011 fejn il-Bord tad-Diretturi kien dirett sabiex ma jiddecidix l-*item* tal-agenda tal-laqgha li jghid - *Discussion on any future dividend and its distribution* ;**

**U konsegwentement fit-tielet lok, tordna li fil-laqgha li jmiss tal-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited, titqieghed fuq l-agenda l-*item* li tghid - *Discussion on any future dividend and its distribution* u hemm ghandha tittiehed decizjoni, jekk ikun il-kaz, dwar dik l-i*tem* partikolari tal-agenda.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu kollha a kariku tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------